17 ta' April 2019
52/2019

## NOTA LILL-EDITURI

B'rabta maċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tal-Ġimgħa Mqaddsa u tat-Tridu tal-Għid, l-Uffiċċju Komunikazzjoni tal-Kurja jfakkar li:

- Il-Konkatidral ta' San Ġwann huwa post qaddis u ta' ġabra. Għalhekk, ġurnalisti, fotografi u camera persons għandhom jilbsu ħwejjeġ xierqa meta jkunu fuq xogħol fil-Konkatidral ta' San Ġwann u fi kwalunkwe knisja oħra.
- Kulħadd għandu jirrispetta t-tabelli tas-sinjali u ħadd ma jista' jitla' fuq l-artal maġġuri biex jieħu ritratti jew filmati, ħlief il-fotografu uffiċċjali tal-Arċidjoċesi ta' Malta.
- Meta jiġu ppubblikati ritratti mibgħuta mill-Uffiċċju Komunikazzjoni tal-Kurja għandu jingħata kreditu lil **knisja.mt/ritratti** jew **church.mt/photos**.

L-istazzjonijiet tar-radju u tat-televixin u portals tal-aħbarijiet li ser ixandru ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa huma mitluba juru/jgħidu fuq il-mezzi tagħhom li s-servizz ta' live streaming huwa pprovdut mill-**Uffiċċju Komunikazzjoni tal-Kurja tal-Arċisqof – www.knisja.mt**.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**